# *50 Sena ta' Suċċessi tal-Banda Santa Marija tal-Qrendi*

Il-biċċa l-kbira l-baned f'Malta u Għawdex bdew kollha wara l-Gwerra Dinjija. Il-Banda tagħna hija waħda minnhom. Fil-fatt, fis-sena 1943, is-Surmast / Fundatur tagħha l-mibki u qatt minsi Mro. Joseph Muscat tas-Siġġiewi ġie inkarigat jgħaqqad Banda. Hekk sar sentejn wara, jiġifieri fis-sena 1945 ifforma Banda b'ergħba u għoxrin (24) bandist tal-post f'soċjetà li dak iż-żmien isimha kien Maria Assunta. Mro. Muscat ikkompona ħafna marċi sbieħ, u li din is-sena nkludejna marċ minnhom "ASTER" li semmejnih "10 Snin Surmast". Insibu wkoll l-"Innu lil Santa Marija" li hu tant popolari. Dan l-Innu għalaq Ħamsin (50) sena. Għandna wkoll l-Innu tal-Banda u numru sabiħ ta' Manuskritti u Libretti tal-Mużika kollha miktubin minn idejh.



L-ewwel darba li daqqet il-Banda l-ġdida u ndaqq l-Innu lil Santa Marija kien fil-5 ta' Awissu 1945, għall-okkażjoni tat-tlugħ tal-vara ta' l-Assunta mill-Belt Valletta, wara li ġiet indurata kif nafuha llum. Ta' min jgħid li l-kliem ta' l-Innu hu tal-magħruf Poeta tas-Siġġiewi, Karmenu Vassallo, li jġib id-data tat-12 ta' April, 1945. L-ewwel programm fuq il-planċier kien sar il-Ħadd 2 ta' Settembru 1945, għall-okkażjoni tal-festa taċ-Ċintura ġol-Qrendi stess. Il-Programm kien jikkonsisti: 1. Diavoli Bianchi; 2. Omaggio a Mosta; 3. Alba d'Amore; 4. Italiani vs Algeri. Is-surmast Muscat baqa' jagħmel il-kunċerti kull ġimgħa b'entużjażmu kbir li l-bandisti ma kinux jindunaw li saru l-ħdax ta' bil-lejl. Dawn kienu jsiru s-sena kollha.

Il-Banda tagħna ħadet sehem fl-isfilata tal-Baned ġol-Belt fl-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. Fis-sena 1947, bdiet il-ħarġiet tagħha fi bliet u rħula. Hija daqqet tas-Sliema, San Duminku l-Belt u l-Vitorja, il-Mellieħa. Fis-sena 1955 taħt id-direzzjoni tas-Surmast/Fundatur daqqet il-Belt Valletta fl-okkażjoni tat-tlugħ tal-Lotterija Nazzjonali.



Kienet is-sena 1976 li minħabba raġunijiet ta' saħħa u kontra qalbu kellu jirriżenja mill-kariga ta' Surmast. B'hekk fid-Domma ta' l-Assunta ta' l-istess sena saret quddiesa fil-għodu u sar Programm fil-għaxija. Dak inhar ħabbat għall-aħħar darba u saritlu preżentazzjoni ta' rigali prezzjużi u sbieħ bħala rikonoxximent. Dak inhar ta t-tmexxija tal-Banda lis-Surmast Mro. Julio Tanti ta' l-Imqabba. Warajh fis-sena 1979 is-Surmast Joseph Tonna, ukoll mill-Imqabba ta t-tmexxija tal-Banda. Taħt dawn iż-żewġ surmastrijiet baqgħu jsiru l-kunċerti spissi u jippreparaw programmi għall-Festa Titulari u għal barra mir-raħal ukoll.

Fis-sena 1980, il-Banda ġiet f'idejn is-Surmast Paul Schembri, minn Ħal-Luqa. Taħt dan is-Surmast il-Banda baqgħet soda u baqgħu jsiru l-kunċerti matul is-sena kollha billi żdiedu s-servizzi barra mir-raħal. Żdiedu Sant'Andrija, Ħal-Luqa; San Bastjan, Ħal-Qormi; San Nikola, is-Siġġiewi; San Ġużepp, l-Imsida; Maria Regia, Marsa; Santa Katerina, iż-Żurrieq Kunċizzjoni, Bormla fil-feat ta' Santa Ċeċilja u fil-Milied il-Belt.

Fit-12 ta' Settembru, 1985, il-Banda għaddiet f'idejn is-Surmast preżenti Mro. Frankie Mercieca taż-Żejtun, li kien l-Assistent Surmast mal-Banda tagħna. Għalhekk din l-għaxar sena tiegħu bħala Surmast. Idderieġa l-ewwel programm tiegħu fuq il-plančier nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni, Bormla fit-8 ta' Diċembru 1985 u ħejja dan il-programm:
1. Tergo Alto mill-''Ernani''; 1. Italiani in Algeri; 3. March mit-Tanhauser; u 4. Festa di Santa Cecilia, kollox bis-solisti tal-post. Fl-istess sena, fil-Milied għamel programm (ritratt) fuq il-plančier quddiem il-każin tal-Banda l-Qrendi bil-bandisti tal-post biss.



Il-kunċerti ma waqfu xejn u fit-30 ta' Ottubru 1986, il-Banda taħt it-tmexxija tal-ħabrieki Surmast tagħha Frankie Mercieca ħadet sehem f'Akkademja Mużiko-Letterarja li ħajjiet fil-Knisja s-Soċjetà. Ħadu sehem bandisti tal-post biss flimkien mal-kor tal-parroċċa, immexxi minn Suor Carmelina Gauci.





Fil-11 ta' Diċembru 1986, il-Banda ħadet sehem fil-Festival Nazzjonali tal-Baned fit-Teatru Manoel, fejn kisbet it-Tielet post. Dakinhar il-Banda esegwiet dan il-Programm:
1. Song of Anna ta' H.H. Dalli; 2. L-Arlesienne ta' Bizet; 3. The Blue and The Grey (Civil War Suite). Dan il-Programm kien ta' suċċess kbir, għaliex qtajna figura isbaħ minn dak li tatna l-ġurija.

Komplejna fis-suċċessi u f'Jannar 1988 il-Banda ħadet sehem f'Konkors ta' Baned Maltin għat-Tieni darba fl-Assembly Hall fl-Università tal-Qroqq. Il-Banda kienet esegwiet dan il-Programm: 1. Condelia – Sinfonia ta' Rikardo Bugeja; 2. South Pacific – Mużika ta' Rogers / Hammerstein u 3. La Traviata ta' Verdi.



Dan kien ta' suċċess kbir għall-Banda fejn kisbet it-Tieni post. Fil-fatt qabel il-premjazzjoni nxterdet il-kelma li l-Banda Santa Marija ħadu l-ewwel, u li kieku ġara hekk ma konna qed nisirqu assolutament xejn.

Għall-okkażjoni tal-25 sena ta' Malta Indipendenti l-Banda ħadet sehem fil-Konkors tal-Baned fit-Teatru Manoel f'April 1989. F'dan il-Konkors reġgħet ħarġet bl-unuri kollha u kisbet it-Tieni post bil-programm li ġej:



1. Overture No. 1 in FA Maggiore - C. Diacono, 2. Ernani Atto III ta' G. Verdi, 3. The Best of The Seekers - Fantasia fuq arranġament ta' Trevor L. Sharpe.

Il-Banda laħqet il-qofol kollu tagħha meta fil-11 ta' Settembru 1989, esegwiet l-ikbar programm fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Cecilia fit-Teatru Manoel, il-Belt. Dan il-programm kien daqsxejn diffiċli imma verament sabiħ, li kull min ġie u semgħu kulħadd baqa' mistagħġeb.

Dawn kienu l-bċejjeċ li esegwiet: 1. Slavonic Rhapsody ta' C. Friedman; 2. Fantaisa "Turandot" ta' G. Puccini; 3. Sinfonia "Cordelia" ta' R. Bugeja; 4. Sinfonia "Vespri Siciliani" ta' G. Verdi.

Dan kien ukoll suċċess kbir u l-folla preżenti wrietu biċ-ċapċip li tat lill-Banda.



Il-Banda kompliet tagħti programmi mużikali fit-Teatry tar-Raħal kif ukoll barra mir-raħal. Bħalissa l-programmi huma: Żejtun - Santa Katerina; Marsaxlokk - Madonna ta' Pompei; Festa Qrendi; Żurrieq - Santa Katerina u l-Milied, Qrendi.

Fit-3 ta' Ottubru 1993 ħadet sehem fil-Konkors tal-Baned Maltin fl-Anfiteatru ġewwa Ta' Qali mniedi mill-Melita Cable T.V. u Forums. Il-Programm li l-Banda esegwiet kien "Test Piece". "Phantom of the Opera" u "Jesus Christ Superstar" ta' A. Lloyd Webber. Dan ukoll kien suċċess.



Din is-sena għall-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif tagħha, il-Banda ser tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi li ssibuh f'dan il-Programm. Nisperaw li l-Banda fil-futur tkompli aktar tikber u żżid mas-suċċessi li kellha b'aktar ried tajba.

Carmelo Magro

*Delegati tal-Banda*